Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9095 — UPL/Arysta LifeScience)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 454/08)

1. Fis-7 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— United Phosphorus Corporation Ltd, sussidjarja li hija proprjetà kollha kemm hi ta' United Phosphorus Ltd ("UPL", l-Indja)

— Arysta LifeScience Inc. ("Arysta", l-Istati Uniti tal-Amerika)

UPL takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' Arysta kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— UPL hija attiva madwar id-dinja fil-manifattura ta' prodotti għall-ħarsien ta' pjantaġġuni, sustanzi intermedji, kimiċi ta' speċjalità u sustanzi kimiċi industrijali oħra, inklużi insettiċidi, fungiċidi, erbiċidi, fumiganti, regolaturi tat-tkabbir tal-pjanti u rodentiċidi.

— Arysta hija fornitur dinji ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-ħarsien tal-uċuħ tar-raba', inklużi bio-soluzzjonijiet u trattamenti taż-żerriegħa. Arysta tispeċjalizza fl-iżvilupp, il-formulazzjoni, ir-reġistrazzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u d-distribuzzjoni ta' sustanzi kimiċi għall-ħarsien tal-uċuħ tar-raba' differenzjati għal varjetà ta' uċuħ tar-raba' u applikazzjonijiet.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9095 — UPL/Arysta LifeScience

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").